MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 66

## 21 ta` Jannar 2019

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 66.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija imma nforma lil dawk prezenti li s-Sur Eman Zerafa kien ser jitarda ftit. Din it-talba giet milqugha.

Fis-17:47hr Is-Sur Eman Zerafa nghaqad fil-laqgha.

Is-Sindku propona sabiex jigi diskuss item 66.7. Ghal dan il-proponiment issekonda s-Sur Anton Gellel. Kien hemm qbil unanimu.

### 66.7 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (sa` Dicembru 2018)

Is-Sur Laurence Manicaro, Accountant tal-Kunsill spjega li matul l-ahhar kwart ta` sena (Ott – Dic 2018) il-Kunsill ghamel net surplus ta` madwar €56,000. Is-Sur Manicaro zied jghid li l-ammont ta` dhul kien akbar minn dak li gie budgeted fil-bidu tas-sena. Is-Sur Manicaro tah spjegazzjoni ta-kredituri u ta` xi pagamenti ohra li l-Kunsill qed ihallas by installment. L-Accoutant zied jghid li matul din is-sena, il-Kunsill ghamel qabza tajba fil-finanzi u dan jidher car hekk kif Financial Indicator tella` ghal 16% meta fi sena precedenti dan il-persentagg kien fin-negattiv. Is-Sindku rrimarka li dan huwa certifikat ta` ghaqal ta` kif tmexxa il-Kunsill matul is-sena li ghaddit biex jelimina d-deficit li kellu fl-iqsar

zmien possibli, minkejja li skond ir-rapporti tal-Awditur Generali kienet ferm difficli li l-Kunsill tal-Birgu jehles mid-deficit matul is-sena li gejja dik tal-2019.

Is-Sindku propona li dan ir-rapport jigi approvat, fejn is-Sur Trevor Mizzi, Vici Sindku ssekonda u gie approvat unanimament.

Is-Sindku spjega li ghalkemm l-kuntratt tal-kumpanija Parker Randall Turner kien skada f`Dicembru 2018, propona li dan il-kuntratt ghandu jigedded sal-ahhar ta` din il-legislazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**66.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku talab sabiex il-Minuti jigu kunsidrat u approvati fil-laqgha li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**66.3 Korrispondenza**

66.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva lista mill-Jobsplus ta` dawk l-applikanti elegibbli ghall-post ta` part time clerk mall-Kunsill Lokali tal-Birgu. Din is-sejha taghlaq fil-31 ta` Jannar 2019.

66.3.2 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-Fondazzjoni Paolo del Bianco dwar konferenza bl-isem ta` *"Heritage as a Builder of Peace"* li ser ssir bejn it-2 u 3 ta` Marzu 2019. Is-Sindku spjega li ghal din il-konferenza l-Kunsill irid jibghat lil xi had li jifhem fuq l-istorja u l-patrimonju Malti.

66.3.3 Prezentata korrispodenza dwar proposta biex jigu nstallati siti ta` roti u scooters li jahdmu bil-batteriji. Is-Sindku nforma lil dawk preznenti li waqt laqgha li kellu ma` raprezentati mill-kumpanija *Go Bike 365,* gie nfurmat li l-Kunsill mhux ser ikollu l-ebda spejjez. Dwar din il-proposta l-Kunsill qabel unanimament.

66.3.4 Prezentata korrispondenza dwar internship ta` persuna mill-Germanja sabiex taghmel certu xhur tahdem mall-Kunsill. Dwar din il-Kunsill qabel li ghandna niccekjaw jekk dan jistax jsir.

66.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill applika ghall-skema bl-isem EWWR mnedija mill-WasteServ Malta Ltd. Il-Kunsill bghat diversi ritratti u anke filmat tax-xoghol kollu relatat mall-gbir tal-flixken tal-plastik u kif dawn jintuzaw ghall-attivita tal-Birgu by Candlelight.

66.3.6 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Malta Charters dwar l-uzu tal-zona tal-ex Oil Tanking u dan sabiex jintuza bhala parkegg ghal certu dghajjes. Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jitlob ghal devoluzzjoni ta` din iz-zona. Kien hemm qbil min dawk prezenti.

66.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar affiliation fee li l-Kunsill irid ihallas fejn tammonta ghal 1000Euro. Il-Kunsill qabel li jibghat lill-persuna nkarigata li l-Kunisll ma jaqbilx ma` l-ammont li jrid jithallas u sabiex din is-somma terga` tigi riveduta u tinhadem ghal dawk il-lokalitajiet li ghandhom anqas minn hames t`elef resident. Il-Kunsill qabel li l-iktar li jista` jhallas hija somma ta` hames mitt ewro. Barra minhekk is-Sindku zied jghid li hemm stedina ghat-tieni konferenza relatata ma` dan il-progett li ser ssir gewwa Braga fil-Portugal bejn it-18 u 19 ta` Marzu. Is-Sur Boxall talab sabiex flimkien mieghu jattendu s-Sur Anton Gellel u s-Sur Gorg Agius peress li dan tal-ahhar tah sehem kbir biex ghal ewwel konferenza, l-Kunsill tah prezentazzjoni tajba ta` tradizzjonijiet in konessjoni mall-Gimgha Mqaddsa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

66.3.8 Prezentata Cirkulari 1/2019 dwar l-Onorarju dovut lill-President u Membri Eleti tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, il-Presidenti tar-Regjuni u s-Sindki.

66.3.9 Prezentata l-korrispondenza li ntbghatet lis-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina dwar l-iskema tal-Libreriji, fejn il-Kunsill bghat ghall-approvazzjoni, l-fattura, l-ircevuta u r-ritratti relatati mall-bieb li sar ta` wiehed mill-gallarijiet ta` Couvre Porte. Il-Kunsill ibenifika minn din l-iskema, s-somma ta` sitt mitt ewro (€600).

66.3.10 Mibughta korrispondenza lill-Arcipriet Dun Karm Busuttil, fejn il-Kunsill staqsa ghalfejn il-membri tal-Kunsill ma gewx mistiedna ghall-quddiesa u l-attivita relatati mall-kommermorazzjoni tal-Vittmi Vittoriosani tat-TIeni Gwerra Dinjija li saret nhar is-Sibt 12 ta` Jannar 2019.

66.3.11 Prezentata korrispondenza dwar URBACT Malta information day li ser ssir nhar il-Erbgha 13 ta` Frar 2019. Ghal din il-laqgha ser tattendi s-Segretarju Ezekuttiv.

66.3.12 Prezentat ic-cekk li l-Kunsill ircieva minghand is-Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz dwar il-kirja tal-garaxx. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-kuntratt kien jiskadi f`Dicembru tal-2018 u ghalhekk talab sabiex dan il-kuntratt jerga` jsir mill-gdid u b`tariff godda. Il-Kusill qabel unanimament li jiehu parir mill-avukat tal-Kunsill sabiex isir kuntratt gdid b`taghrifi godda sabiex b`hekk il-Kunsill jkun jista` jiehu decizjoni fil-laqgha tal-Kunsill.

66.3.13 Moqrija korrispondenza dwar seminar li ser ssir gewwa Sant` Anglu dwar il-hidma kollaborattiva bejn il-Kunsilli Lokali u l-Entitajiet Governattivi. Dan is-seminar ser ssir nhar il-Gimgha 25 ta` Jannar u ghalih ser jattendu l-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi u s-Sur Anton Gellel, Kunsillier. Is-Sindku ma seghtax jattendi minhabba li kien ser ikun msiefer fuq progett tal-Unjoni Ewropeja.

66.3.14 Prezentata korrispodenza mill-Assocjazzjoni Rete sabiex tithallas l-annual fee ta` mitejn ewro. Il-Kunsill qabel unanimament li ghal din is-sena ma tithallasx din il-mizata.

66.3.15 Mibughta korrispondenza dwar progett (Town Twinning) bl-isem *"Bordering the possible overcome the sterotypes for Migrants`s Integretation."*, fejn ser issir konferenza gewwa Nizza di Sicilia bejn it-18 u 23 ta` Marzu 2019. Is-Sindku talab lil dawk prezenti sabiex jinforma s-Segretarju Ezekuttiv min jista` jattendi ghal din il-konferenza peress li hamsa minn nies iridu jirraprezentaw il-Kunsill tal-Birgu.

66.3.16 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li bejn l-10 u l-11 ta` Jannar gew izuru l-belt tal-Birgu, grupp ta` speakers mill-CommonWealth.

66.3.17 Prezentata l-kwotazzjoni tal-ikel li gie ordnat fir-reception tal-5 ta` Jannar 2019, fejn il-Kunsill ghazel l-irhas offerta.

66.3.18 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti sabiex jkunu prezenti waqt laqgha li ser ssir gewwa l-ufficini tal-Kunsill ma` Fr. Marius Zerafa dwar iz-zewg munumenti biex jinstab post alternattiv fejn jitpoggew.

66.3.19 Prezentata l-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, fejn l-istess Dipartiment staqsa lill-Kunsill ghalfejn ser jintuzaw id-djarji u lapel badges li gew ordnati. Is-Sindku spjega li dawn id-djarji saru fl-ahhar tal-legislatura biex jinghataw bhala ringrazzjament lill-Presidenti u s-Segretarji tas-Socjetajiet u ghaqdiet li ghandna fil-lokalita u lapel badges saru biex jservu ta` token ghal waqt li rapprezentanti tal-Kunsill, Sindki u Kunsilliera jkunu mistednin ghal konferenzi barra minn Malta, fejn jigu mqassma lill-membru ta` delegazzjonijiet ohra minn pajjizi differenti waqt progetti organiz-zati mill-Unjoni Ewropeja. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

66.3.20 Giet prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand Transport Malta dwar ix-xoghlijiet li ser jibdew fi Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur u Triq ic-Centinarju tal-Parrocca. Dwar dan is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jinforma lir-residenti ta` dawk l-akwati b`dawn ix-xoghlijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

66.3.21 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill li sar fix-xahar ta` Dicembru 2018. Dan l-overtime gie approvat unanimament.

66.3.22 Prezentata l-petty cash ghax-xahar ta` Dicembru 2018. Din giet approvata unanimament.

**66.4 Performance Bonus tal-haddiema klerikali tal-Kunsill u s-Segretarju Ezekuttiv**

66.4.1 Is-Segretajru Ezekuttiv prezentat il-performance bonus ta` zewg haddiema klerikali li ghandu fil-prezent il-Kunsill fejn is-Sur Jonathan Elsworth inghata l-performance bonus ta` 5% u s-Sinjorina Maria Farrugia inghatat il-performance bonus ta` 3%. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku zied jghid li l-performance ta` Segretarju Ezekuttiv u tal-ex impjegati tal-Kunsill ser jigi diskuss fil-laqgha li jmiss.

**66.5 Sejha ghall-offerti ghas-servizz ta` gbir ta` skart fil-lokalita tal-Birgu**

66.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil dawk prezenti li l-bord ta` evalwazzjoni intaqa sabiex tigi evalwata l-unika offerta li rcieva l-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv kompliet tghid waqt din l-evalwazzjoni, ingibdet ghal attenzjoni tal-kumpanija li tefghet l-offerta, sabiex jikkonferma l-ammont li gie offrut sabiex b`hekk tkun tista` tittiehed id-decizjoni.

**66.6 Rapport Amministrattiv 2018**

Is-Sindku talab sabiex dan ir-Rapport jinqara u jigi approvat fil-laqgha li jmiss. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**66.8 Rendikont tal-attivitajiet kollha li saru fi zmien il-Milied.**

66.8.1 Is-Sur John Boxall ipprezenta dhul u l-hrug kollu li kellu l-Kunsill Lokali tal-Birgu b`relazzjoni mall-attivitajiet kollha li gew organizzati mill-Kunsill.

**66.9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

66.9.1 Is-Sur John Boxall informa lil dawk prezenti sabiex il-Kunsill japplika ghad-devoluzzjoni ta` zona li hemm taht it-Torri ta` San Gakbu. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**66.10 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

66.10.1 Is-Sur Trevor Mizzi qal li qed jerga` jinhargu l-boroz taz-zibel f`certu residenzi li qed jinkrew il-barranin.

**65.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4550 sa` BOV 4600 u cekkijiet bin-numri, HSBC 9759 sa` HSBC 9760 . Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 18 ta` Dicembru 2018 sal- 21 ta` Jannar 2019.

**66.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 29 ta`Jannar 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 25 ta` Frar 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |